MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 24/2002/1

**Alfred u Mikelina konjugi Axiaq**

**vs**

**John Azzopardi**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi l-konvenut kera minghand l-atturi flat f’Marsalforn, Ghawdex versu l-kera ta’ erbghin lira Maltija (Lm40) fix-xahar.

Illi ghada dovuta mill-konvenut lill-atturi s-somma ta’ mitejn u erbghin lira Maltija (Lm240) rapprezentanti l-kera ghal sitt xhur.

Illi inoltre l-konvenut arreka hsarat fil-proprjeta’ ta’ l-atturi mikrija lilu liema hsarat swew lill-atturi tmenin lira Maltija (Lm80) biex issewwew.

Illi minkejja diversi interpellazjonijiet u minkejja diversi promessi il-hlas tal-kera u l-valur tal-hsarat baqa' ma sarx.

Illi qed jintalab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan il-bilanc u flimkien ukoll ma' l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u dawk tal-ittra interpellatorja datata 4 ta' Frar 2002 a tal-ittra ufficjali spedita f'Settembru 2001."

Ra r-risposta:

"1. Illi ghar-rigward l-ammont ta' kera dovut huwa ghandu jaghti biss mija u tmenin lira (LM180), kif jigi pruvat waqt is-smiegh tal-avviz.
2. Illi ghar-rigward tad-danni, huwa jichad kategorikament illi ghamel xi hsarat fil-proprjeta' tal-atturi.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Ra l-atti tal-kawza;

Ikkunsidra;

Illi dwar l-ammont ta' LM240 pretiz bhala kera, ghalkemm gie inizjalment ikkontestat mill-konvenut, gie sussegwentement minnu ammess fid-deposizzjoni tieghu;

Illi dwar il-hsarat, dan it-Tribunal wara li ghamel xejn inqas minn zewg accessi fuq il-post kif ukoll sema' d-deposizzjoni ferm sinciera tal-konvenut, qieghed jillikwida arbitrio boni viri l-ammont ta' danni fis-somma ta' tletin lira (LM30).

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel talba tal-attur filwaqt li jilqa' t-tieni talba tieghu limitatament ghas-somma ta' LM30 u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghas-somma komplessiva ta' LM270, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Settembru 2001 a kariku tal-konvenut.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur

(ft) M’Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur